**19 ta' Mejju 1967.**

**Imhallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Rosina Agius et

*versus*

Carmelo Borg et nomine

**Inċident Fatali — Danni — Responsabilità.**

*John Agius kien ġie milqut fatalment fid-dockyard minn "skip" mimlija bil-concrete mdendla ma "shovel" misjuqa mill-konvenut. Il-Qorti tal-Appell sabet lill-konvenut responsabbli fil-proporzjon ta' żewġ kwinti għall-inċiden billi ma kienx qiegħed iżomm "a proper look out" jew kellu l-viżwali nadegwata. Ir-regoli ordinarji u l-prinċipji ġenerali ta' negliġenza japplikaw anke meta d-disgrazzja ma tiġriex fi trieq pubblika.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-atturi wara li ppremettew illi l-konvenut fl-4 ta' April, 1963, fil-waqt illi kien isuq Shovel numru 24317 fid-dockyard fil-parti magħrufa bħala Gun-Mounting Wharf, ma' liema Shovel kienet imdendla, fuq quddiem, "skip" mimlija bil-concrete, liema "skip" kienet qegħda wkoll titbandal 'l hawn u 'l hemm, imħabba negliġenza, imprudenza, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti u imperizja fis-sewqan laqgħat bli "skip" lil John Agius li kien miexi quddiem il-veikolu u kka-

gonalu lesjonijiet li minnhom miet l-istess ġurnata; u illi l-imsemmi John Agius miet bla testment u kien miżżewweġ mal-attriċi Rosina Agius u ħalla jirtuh lis-sitt uliedu fuq imsemmijin Cettina, Joseph, Michael, Gemma, George u Carmen aħwa Agius; u illi l-konvenut huwa għalhekk responsabbli għad-danni kollha derivanti mill-aġir kolpus tiegħu fuq imsemmi, danni dovuti lill-atturi sija għan-nom tagħhom proprju u sija anki inkwantu għall-ulied John Agius bħala eredi tal-istess missierhom; talbu li — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — jiġi dikjarat minn dina l-Qorti li l-konvenut huwa responsabbli għar-raġunijiet fuq indikati għad-danni kollha sofferti mill-u/jew dovuti lill-atturi bħala konsegwenza tal-lesjonijiet fatali riportati minn John Agius u tal-mewt tiegħu; l-ammont tal-istess danni jiġi likwidat minn dina l-Qorti; u l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma li tiġi hekk likwidata bħala risarċiment tal-istess danni. Bl-ispejjes inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Settembru, *1963*.

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Settembru, 1963 li bih Anthony Cassar u Frederick Cooper għad-ditta "Cassar & Cooper" u dina in rappresentanza tal-"The London Assurance" ġew ammessi *in statu et terminis*.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-imsemmija "London Assurance" kif rappreżentata mill-imsemmija Cassar u Cooper li biha eċċepew illi John Agius intlaqat b'disgrazzja li għaliha ma għandux jirrispondi l-konvenut, dovut imħabba li, ħin bla waqt, huwa qasam it-triq aljenatament u b'mod li poġġa lid-driver tas-shovel fl-impossibilità illi jevita l-ħabta, għalhekk id-domandi huma infondati u għandhom jiġu respinti bl-ispejjes.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha għamel tiegħu l-eċċezzjonijiet mogħtija minn Anthony Cassar u Frederick Cooper nomine u jikkontesta d-domandi għar-raġunijiet hemm indikati;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Novembru, 1963 li bih l-Avukat Dottor Spiridione Camilleri ġie nominat perit biex ifittex u jirrelata jekk id-domanda attriċi hiex fondata, kunsiderati wkoll l-eċċezzjonijiet mogħtija, u f'każ affermattiv jillikwida l-ammont dovut mill-konvenut;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali maħlufa fil-25 ta' Novembru, 1966 flimkien mal-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-istess perit;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Jannar, 1967 li biha ċaħdet it-talbiet bli spejjes kontra l-atturi wara li kkunsidrat —

Illi l-perit ikkonkluda r-relazzjoni tiegħu billi ssottometta li l-konvenut ma kienx responsabbli għall-inċident riferit fl-att taċ-ċitazzjoni, li kien issuċċeda imħabba l-mossa tal-mejjet Giovanni Agius li waqt li kien miexi fl-istess direzzjoni ta' fejn kienet miexja l-gaffa kiser kemm kemm lejn l-istess gaffa u ġie milqut mill-bajla li kienet imdendla magħha.

Fuq il-fatti kif esposti dettaljatament fir-rapport peritali ma jidhirx li hemm kwistjoni, u l-atturi jridu jsostnu illi kien hemm ħtija da parti tal-konvenut imħabba żewġ nuqqasijiet *ċioè a) illi l-konvenut* ma żammx "a *careful look-out*" b) għaliex ma tax "audible warning" kif hemm fin-nota tal-atturi fol. 77 u kif eluċidati u kif svolt ukoll mid-difensur tal-atturi fis-seduta tad-9 ta' Diċembru, 1966 meta

saru s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Dik il-Qorti ħasset li għandu jiġi mill-ewwel premess illi dana ma huwiex każ li għandu jiġi risolut unikament bis-soliti regoli ta' meta jsir xi aċċident ta' traffiku fi triq pubblika, għaliex hawn si tratta ta' post, jiġifieri d-Dockyard, li ma hiex kunsidrata bħala trieq pubblika kif ġie ukoll ritenut minn dawn il-Qrati in konnessjoni ma' kawżi ta' traffiku tal-obbligi relativi tal-Assikurazzjoni. Inoltre kien post fejn kien qiegħed isir xogħol speċjali minn xi disa' xhur qabel, jiġifieri xogħolijiet fil-moll ta' parti tad-Dockyard, u s-disgrazzjat kien wieħed mill-ħaddiema tad-Dockyard. Il-konvenut kien qiegħed jagħmel ix-xogħol lilu assenjat u kien qiegħed jagħmlu regolarment bħal ma solitu kien ilu jagħmel, u l-gaffa tiegħu dejjem saqha waħdu, almenu wieħed hekk għandu jirritieni, għaliex b'ebda mod ma ġie allegat li kien hemm xi nuqqas speċjali da parti tal-konvenut f'dan is-sens fil-ġurnata tad-disgrazzja. Il-ħaddiema kollha kienu edotti mill-kwalità ta' xogħol li kien qiegħed isir u kienu ħd-dover li joqogħdu attenti. Jekk il-ħaddiema kienux indebitament esposti għal xi perikolu hija kwistjoni oħra li fuqha l-Qorti b'ebda mod ma qegħda tippronunzja ruħha u ma tistax tippronunzja ruħha għaliex ma humiex in causa l-employers (bħal ma sar f'diversi kawżi oħra li kien hawn quddiem dawn il-Qrati ("Borg vs. Forlonger", desert fil-Qorti tal-Appell 12 ta' Frar, 1966, deċiża fil-21 ta' Jannar, 1965, Magro vs Russell, 12 ta' Mejju, 1964 u Stewart vs. Russell, 7 ta' Frar, 1966, deċiżi kollha mill-Qorti tal-Kummerċ). Għalhekk ma huwiex il-każ li wieħed sempliċement jgħid li jekk "the motorist is unable to see ahead of him he ought to stop the car" fil-kliem ta' Andrew Gibb kwotati mill-atturi. Hawn si tratta ta' "a system of work" li l-konvenut skond l-ordnijiet tiegħu kellu jesegwixxi fil-post tax-xogħol tiegħu li huwa esegwixxa regolarment. Divers kien ikun il-każ, għal dik

li hija responsabilità tal-konvenut, kieku huwa anke fuq ordni tas-superjuri tiegħu ħareġ b'din il-gaffa fi triq pubblika bil-bajla imdendla li bix-xengil tagħha kien ikun imprudenti li wieħed isuq qalb traffiku ieħor u pedestrians mingħajr xi prekawzjonijiet partikolari.

Biex wieħed jiġi għal każ partikolari tal-kontendenti: il-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità minima u bil-bajla imdendla għaliex waqt il-mixi ma kienx jista jżommha l-fuq u b'hekk il-viżibilità kienet diminwita almenu għal dak li huwa fil-viċinanza immedjata. L-atturi sabu biss ħtija fil-konvenut billi saq veikolu b'visibilità restretta mingħajr ma ħa l-prekawzjonijiet meħtieġa billi missu, jekk hemm bżonn, iġib lil min jiddiriġih, u billi ma tax avviż akustiku. Issa għalkemm huwa veru li l-viżibilità kienet ristretta, b'dana kollu l-konvenut seta liberament jara quddiemu: altrimenti ma kienx jirnexxilu f'ambjent hekk ristrett u ingumbrat bħal ma kien dak fejn kien qiegħed jaħdem jimmanuvra kontinwament u waħdu jmur u jiġi, jgħabbi l-bajla mimlija u jirritorna biha vojta. Id-difensur tal-atturi għamel riferenza għall-obbligu li timponi l-Pulizija lil min isuq karrijiet tal-karnival li jkollu xi ħadd quddiemu jiddiriġih. Il-paragun però ma jreġġiex għaliex hawn si tratta ta' triq pubblika fgata bin-nies, u ta' vejkolu li għandu l-viżibilità ridotta għal minimu b'alterazzjonijiet fl-istruttura tiegħu magħmula appositament għall-karnival. Inqas ma jista jingħad li l-addebitu l-ieħor tal-atturi lil konvenut li ma tax sinjali akustiċi jista jkollu wisq pis. A parti li bil-ħsejjes tal-kompressuri li kien hemm jaħdmu fuq il-post ma tantx seta jinstema l-ħorn jekk il-gaffa kienet provduta b'wieħed, ħadd ma jista raġonevolment jippretendi li fuq il-post tax-xogħol waqt it-traġitti kontinwi tal-gaffa, il-konduċent tagħha joqgħod idoqq il-ħin kollu l-ħorn. Dana ma kienx xi każ sporadiku li jirrikjedi sospensjoni momentanea tax-

xogħol imħabba l-perikolosità kbira tiegħu bħal meta jkunu sejrin jiġu sparati xi esplosivi biex jitkisser il-blat.

Dik il-Qorti għalhekk qablet perfettament mal-konklużjonijiet peritali u r-raġunamenti li fuqhom huma bażati, billi l-disgrazzja ġrat għaliex John Agius b'daqsxejn ta' attenzzjoni anke jekk forsi ma semax il-gaffa ġejja, mexa ftit fid-direzzjoni tagħha u b'hekk ġie milqut fatalment mill-bajla.

Rat in-nota tal-appell tal-atturi u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu illi l-imsemmija sentenza tiġi revokata u t-talbiet tal-atturi milqugħa, salv okkorrendo li l-atti jerġgħu jiġu rinvjati quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti għal-likwidazzjoni tad-danni, bli spejjes taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.

Rat ir-risposta tal-imsemmija Carmelo Borg u Anthony H. Cassar u Frederick Cooper nomine li biha qalu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u talbu li l-appell jiġi miċħud u s-sentenza appellata konfermata bli spejjes taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħat it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Illi, kif irrilevat l-ewwel Onorabbli Qorti, il-moll ('wharf') li minnu kienet għaddejja il-gaffa ('shovel') li biha sar l-investiment mhuwiex kunsidrat triq pubblika u għalhekk jista ma jkunx hemm lok għall-applikazzjoni ta' regolamenti speċifiċi bħala dispożizzjonijiet ta' liġi pożittiva applikabbli għat-traffiku fuq triqat pubbliċi; imma dan ma jfissirx naturalment li ma jibqgħux japplikaw ir-regoli ordinarji u l-prinċipji ġenerali tan-negliġenza, li hi l-bażi tal-

preżenti azzjoni. Indipendentement min kwalunkwe regolament speċifiku, kwalunkwe konduċent ta' vejikolu għandu jadopera dawk l-akkorġimenti neċessarji li l-kontinġenzi tal-każ jissuġġerixxu biex jiġu evitati sinistri. L-appellanti issottomettew fit-trattazzjoni illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx ġustifikata li, mħabba l-lokalità u ċ-ċirkostanzi partikolari, tapplika s-soliti regoli anqas strettament. Għall-verità però ma jidhirx li jista jingħad li l-ewwel Onorabbli Qorti ipprofessat li tagħmel hekk jew fil-fatt hekk għamlet.

Jingħad mill-ewwel illi jidher li Agius (il-mejjet), forsi għax kien xi ftit aljenat, qasam il-perkors tal-gaffa pjuttost bruskament u mingħajr ma ħares lejn id-direzzjoni minn fejn il-gaffa kienet ġejja. Anki jekk ma setax jisma' l-gaffa riesqa mħabba l-ħsejjes tal-kompressuri fil-lokalità, kien imissu ħares sewwa ma dwaru u kkomporta ruħu b'aktar prudenza. Imma, meqjusa u miżħunin iċ-ċirkostanzi kollha, din il-Qorti ma tistax taqbel illi r-responsabilità għal dak li ġara kienet totalment u esklusivament dovuta għall-imprudenza u nuqqas ta' attenzjoni tal-mejjet.

Jirriżulta mix-xhieda ta' Oreste Monson illi hu ra lil Agius (il-mejjet) miexi fuq in-naħa tax-xellug tal-gaffa fl-istess direzzjoni tagħha u ftit il-quddiem minnha u f'ċertu ħin qasam il-passaġġ (mhux dritt għal kollox imma kemm xejn angolat lejn id-direzzjoni li kienet miexja l-gaffa) u laħaq għamel skond dan ix-xhud xi seba jew tmien passi, u skond ix-xhud Michael Milbourne xi erba passi, meta ġie milqut fatalment mill-bajla ('skip'). Ebda xhud ma semma li Agius qasam jiġri jew b'pass mhux normali. Issa wieħed irid iżomm quddiem għajnejh il-kwadru kollu. F'passaġġ parzjalment ingombrat, fejn kien hemm kwantita (fol. 21) ta' nies jaħdmu u ħsejjes ta' kompressuri, kien għaddej vejikolu goff u tqil l-bajla pjuttost voluminuża (xi 5 piedi u

nofs tul b'xi 3 piedi wisa u għoli) imdendla quddiemu li titbandal mal-moviment tal-gaffa min-naħa għall-oħra, veji-kolu mela li għalkemm kien għaddej bi speed l-aktar baxx kien indubbjment fiċ-ċirkostanzi jippreżenta ċerta perikolosità. Hu veru, kif irrilevat l-ewwel Onorabbli Qorti, li l-konvenut appellat kien ilu jagħmel ix-xogħol li kien qed jagħmel bla ma ġrawlu inċidenti għal disa xhur sħaħ; però hu ugwalment veru li dak li ma jiġrix f'perijodu sħiħ ta' xhur jista jiġri, data l-konfluwenza ta' ċerti ċirkostanzi f'sekonda waħda u 'per se' dan id-'dato di fatto' hu ta' valur newtrali. Anqas jista jingħad fil-fehma tal-Qorti illi għax ebda inċidenti ma kien ġara qabel, il-possibilità li jiġri aċċident kienet imprevedibbli.

Dak li hu importanti hu illi li stess konvenut jammetti illi lil Agius (li kien ċertament quddiem il-gaffa) hu f'ebda mument ma rah, lanqas meta ntlaqat, u żamm għax sema n-nies jgħajtu. Kien "ex admissis" miexi bil-mod mill-aktar u waqaf mill-ewwel. Imma fiċ-ċirkostanzi, kkunsidrat li Agius kien quddiem il-gaffa u meta qasam kien laħaq għamel min erba sa tmien passi kemmxejn angolat lejn id-direzzjoni li kienet miexja l-gaffa, u li l-appellat kien mexa b'xi ħames mili fis-siegħa biss, biex lil Agius ma rahx f'ebda mument sakemm rah minxur quddiem il-gaffa wara li għolla l-bajla malli sema l-għajjat, l-appellat Borg jew kellu viżwali inadegwata jew ma żammx "proper look out" u fiż-żewġ ipotesijiet tirrikorri fih in-negliġenza.

Jekk, kif donnu irritiena l-perit legali, Borg kellu viżwali adegwata, allura biex "ex admissis" ma rax lill-mejjet b'ebda mod bilfors li fiċ-ċirkostanzi ma kienx qed iżomm "proper look out". Dan mhu b'ebda mod newtralizzat mill-konsiderazzjoni illi kieku Borg ra lil Agius u żamm il-brake il-bajla kienet aktar titbandal il-quddiem u kienet tolqtu l-

istess, għax f'dak il-każ kienet timponi ruħha aktar markatament fiċ-ċirkostanzi l-ħtieġa li jtih avviż akustiku idoneu (dak li f'ċerti ċirkostanzi ġie ritenut li huma mistennijin li jagħtu anki vejikoli ferm aktar peżanti minn dak in kwistjoni, bħal trenijiet) u jekk il-vejikolu in kwistjoni ma kienx attrezzat bil-mezzi neċessarji għal daqshekk dan ma jeżonerax lil Borg, almenu fil-konfront tal-appellanti. Dan ma jfissirx, kif ingħad biex speċi jiġi svalutat dan ir-rifless, illi avviż akustiku kien ikun rikjest li jingħata minn Borg kontinwament tul ix-xogħol kollu, imma naturalment li jingħata f'ċirkostanzi tali (bħal każ preżenti, kieku Borg ra lil Agius) fejn ikun indikat bħala miżura ta' diliġenza imposta mir-rispett tal-preċett fondamentali tan-"neminem laedere". Hu apprezzat li f'ċerti kontinġenzi avviż akustiku jista' anki jkun irrilevanti, imma ma jidhirx li fil-każ in ispecie jista jingħad li Agius kien poġġa lil Borg fl-impossibilità li jagħtih avviż akustiku tempestivament kieku dan rah u fil-każ li kellu l-mezz biex itieh, u li jista jiġi eskluż li b'avviż simili setgħat tiġi evitata d-disgrazzja. L-ewwel Onorabbli Qorti semmiet f'dan ir-rigward illi d-daqq tal-"horn" kien ukoll jiġi newtralizzat mill-ħsejjes tal-kompressuri; però sinjalazzjoni akustika idonea f'ċirkostanzi fejn hu magħruf li jkun hemm ħsejjes kbar u nies jaħdmu naturalment tikkomporta qasma suffiċjenti biex tgħalibhom.

Illi barra minn dan il-konvenut Borg xehed hekk: "Waqt li kont sejjer biex inħott il-gaffa smajt xi ħadd jgħajjat 'Oh'. Jiena waqaft fil-pront u rajt lid-decujus taħt il-gaffa. Dak il-ħin kont insuq b'xi ħames mili fis-siegħa għaliex il-gaffa kienet mgħobbija. Jiena ma nafx minn fejn kien ħareġ il-mejjet għaliex **ma rajtx xejn:** però bilfors ħareġ minn quddiemi għaliex b'quddiem ilqattu. Jiena ma rajtx lill-mejjet ***jiġi milqut*** però bilfors bil-bajla lqattu; għaliex dina kienet imdendla fuq quddiem; jiena lill-mejjet ma

lqattux bir-roti...... Naf li mal-ghajta ghollejt il-bajla l-fuq: ghollejta ghax hasduni bl-ghajta u bsart li kien hemm xi hadd; jien ghollejt il-bajla mal-ghajjat ghaliex bsart li kien hemm xi hadd fin-nofs u b'hekk kont diskapulah. Meta ghollejt il-bajla staji nara aktar. Jiena ma kontx miexi bil-bajla fil-gholi sa mill-bidu, ghaliex f'dak l-gholi 'ma jzommuhx', cioè l-'arm' tibda titla u tinżel, cioè timmolla. Malli jiena ghollejt il-bajla kif smajt l-ghajjat jiena rajt lil Agius fl-art, quddiem il-gaffa. Qabel ma ghollejtha ma rajtux".

Illi ghalhekk l-appellat Borg, li "ex admissis" ma ra lil Agius bl-ebda mod lanqas meta ntlaqat u basar biss meta sema l-ghajta, mal-ghajta gholla l-bajla li (ghandha mekkanizmu appożitu ghaldaqshekk) u billi l-bajla, skond kif jahseb li stess Borg (fol. 25) kienet merfugha mill-art mhux anqas min erba piedi u nofs, mhux irragonevoli li wiehed jikkonkludi illi kieku minflok gholla l-bajla mal-ghajta jew kif sema l-ghajta (dak li Borg stess jghid li ghamel) hu ghollieha qabel, meta kien imissu, kieku naturalment lil Agius rah jaqsam (u fic-cirkostanzi l-Qorti ma tista tara ebda raguni ghaliex ma kellux jarah), l-investiment seta jigi evitat.

Illi in bażi ghall-premess il-Qorti hi ta' fehma illi l-konvenut Borg mhux mehlus mir-responsabbilità ghas-sinistru però b'kontribuzzjoni ta' kolpa konkorswali da parti talmejjet, u wara li irriflettiet fuq ic-cirkostanzi kollha, tivvaluta din il-kontribuzzjoni fil-grad ta' żewg kwinti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa l-appell tal-atturi fis-sens biss li, ghall-finijiet tal-ewwel talba, tiddikjara illi l-konvenut Borg hu responsabbli fil-proporzjon ta' tlett kwinti ghas-sinistru li gieb il-mewt ta' Agius u ghall-eventwali danni mgarrba mill-atturi, billi rigward il-

tliet kwinti l-oħra ikkontribwixxa li stess Agius, u f'dan is-sens kif ukoll fis-sens infraskritt tirriforma s-sentenza appellata. L-ispejjes taż-żewġ istanzi jitħallsu, fir-relazzjoni bejn l-atturi u l-konvenut, nofs kull wieħed u l-intervenut fil-kawża jħallas li spejjes tiegħu. Il-Qorti tordna li l-atti jiġu rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-finijiet tat-tieni taiba.